**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**

**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**

**Frar 2015**

**IL-ĦAMES SENA** | **L-ISTUDJI SOĊJALI** | **IL-ĦIN: Siegħa**

**L-isem u l-kunjom:** ______________________ **Il-Klassi:** __________

Marka Totali
______
80

**1.a) Din hi paġna mid-djarju ta' James Busuttil, student fil-ħames sena.**

| Il-Jum | Il-Ħin | L-Attività |
|---|---|---|
| Il-Ħamis, 5 ta' Frar 2015 | 07:00 | Qomt kmieni llum. |
| | 12:35 | Waqt il-PE lgħabna *hockey*. |
| | 14:40 | Wasalt id-dar u kilt platt sħun. |
| | 15:00 | Bdejt ix-xogħol tal-iskola. |
| | 16:00 | Ommi bagħtitni nixtri mill-ħanut ta' ħdejna. |
| | 18:30 | Għamilt nofs siegħa ndoqq il-pjanu. |
| | 19:30 | Rajt film tad-daħk fuq it-TV. |
| | 21:30 | Qed nikteb din il-paġna fid-djarju u wara se mmur norqod. |



**Minn din il-paġna sib attività li hija:** **(5 marki)**

- dmir: ________________________________
- dritt: ________________________________
- ta' mistrieħ: ____________________________
- tajba għas-saħħa: _________________________
- passatemp: ______________________________

**b) Wieġeb** **(6 marki)**

a) Għaliex studenti tal-età ta' James m'għandhomx imorru jorqdu tard?

______________________________________________

______________________________________________

b) X'jista' jiġri jekk minflok il-logħob u l-mistrieħ nintefgħu nilagħbu biss fuq il-kompjuter?

______________________________________________

______________________________________________

ċ) Jidher li James ma sabx ħin għall-qari. X'taħseb dwar dan?

______________________________________________

______________________________________________

**2. Wieġeb billi taqta' sing taħt it-tajba** **(3 marki)**

a) L-edukazzjoni tagħna tibda
- mill-knisja.
- mid-dar.
- mill-iskola.



b) L-iskejjel f'Malta huma
- kollha tal-gvern.
- tal-gvern, tal-knisja u tal-privat.
- kollha tal-knisja u tal-privat.

ċ) L-iskop prinċipali tal-Edukazzjoni hu li
- ngħaddu mill-eżamijiet.
- nitgħallmu suġġetti differenti.
- niżviluppaw il-personalità tagħna.

**3. a) Qabbel billi tikteb in-numri fil-kaxxa. Ara l-eżempju. (5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***1*** | ***Fl-antik, ħafna tfal Maltin*** | | jissejjaħ illitterat. |
| 2 | Il-bniet kienu jinżammu d-dar | | il-pajjiż imur 'il quddiem. |
| 3 | Min ma jafx jaqra u jikteb | ***1*** | ***ma kinux imorru skola.*** |
| 4 | Illum l-edukazzjoni | | il-ġenituri jistgħu jeħlu multa. |
| 5 | Jekk it-tfal ifallu ta' spiss | | filwaqt li s-subien kienu jgħinu lil missierhom fix-xogħol. |
| 6 | Meta ċ-ċittadini jagħtu kas tal-edukazzjoni, | | hija dritt bażiku ta' kulħadd. |

**b) Semmi żewġ tixbiħat bejn l-iskola u x-xogħol. (2 marki)**

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**4. Liema minn dawn iwassluk għall-iżvilupp sħiħ bħala student.**
**Imla bil-kulur il-kaxxi tajbin biss. (5 marki)**

| | |
|---|---|
| Nitgħallem dwar l-ambjent u l-kultura. | Inkun il-*bully* tal-klassi. |
| Naqra, nistudja u nagħmel xi riċerka dwar xi suġġett fis-sillabu. | Nieħu pjaċir naħdem fi grupp u mhux biss waħdi. |
| Noħroġ mill-iskola malli nispiċċa s-sekondarja. | Ninteressa ruħi f'dak li jiġri f'Malta u barra minn Malta. |
| Nidħaq bi sħabi meta jiżbaljaw f'xi risposta. | Nuża l-kompjuter biex nilgħab u nisma' d-diski biss. |
| Nieħu sehem fl-isport fl-iskola u ningħaqad ma' xi tim tan-*nursery.* | Nara ħafna televixin sa tard bil-lejl. |

**5. Aqta' sinjal taħt it-tajba. (5 marki)**

a) Żewġt irħula tas-sajjieda huma

- Marsalforn u Marsaxlokk.
- l-Gudja u Għajnsielem.
- r-Rabat u Kerċem.



b) Ħuta li tinqabad mis-sajjieda Maltin hija

- s-salamun.
- l-pixxispad.
- l-balena.

ċ) Il-ħut li jinqabad mis-sajjieda jittieħed

- il-pixkerija.
- fil-*petshop*.
- il-pitkalija Ta' Qali.

d) L-akbar dgħajsa tas-sajd li jużaw is-sajjieda tissejjaħ

- kajjik.
- luzzu.
- skuna.

e) Ix-xogħol tas-sajjieda jiddependi ħafna fuq

- it-temp.
- il-ħin.
- ir-rimja.



**6. Imla l-vojt bi kliem li jinsab fil-kaxxa. (10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| f'kavetti | l-kannizzati | l-istaġun | x-xibka | r-rimja |
| tal-palm | l-pixkerija | għad-dell | ċima | b'rixa |

F'Settembru jibda ________________ tal-lampuka. Kull sajjied ikollu ________________ tiegħu li huwa l-post fejn għandu jistad. Minn gimgħat qabel is-sajjieda jibdew jaħsbu biex jagħmlu ________________ li huma bħal ċattri jgħumu f'wiċċ l-ilma. Dawn huwa magħmulin minn sufri, weraq ________________, qasab u oġġetti oħra li jżommu f'wiċċ l-ilma.

Fil-wiċċ ukoll titqiegħed baga jew sufra b'bandiera biex timmarka l-post. Din tissejjah ________________.

Dan ix-xogħol isir biex il-lampuka tidħol ________________ ta' dan is-saqaf jgħum f'wiċċ l-ilma. Kulma jridu jagħmlu s-sajjieda huwa li jdawru ________________ tagħhom madwarhom u l-lampuki jew fanfri li jkun hemm jinqabdu fiha.



Il-lampuki jinqabad wkoll permezz ta' ħarira twila li jkollha ħafna snanar moħbijin ________________.

Meta din il-ħarira tinġibed wara d-dgħajsa, il-lampuka taħsibha ħuta oħra u tmur taħtafha biex tikolha! B'hekk tinqabad bis-sunnara.

Il-ħut li jinqabad jiġi stivat ________________ u dawn jittieħdu ________________ biex jinbiegħu lill-bejjiegħa tal-ħut.

**7. Wieġeb dwar l-Akkwakultura.**

a) Xi tfisser il-kelma *Akkwakultura*? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

b) Fejn jinsab iċ-ċentru tal-akkwakultura? (marka)

______________________________________________

ċ) Barra t-tkabbir tal-ħut, xi jsir aktar fiċ-ċentru tal-akkwakultura? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

d) X'jiġifieri *sajd bla rażan*? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

e) X'taħseb li kien jiġri li kieku ma kellniex l-akkwakultura? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

**8. Ikteb 4 sentenzi differenti fuq <u>waħda</u> minn dawn. (4 marki)**

a) Id-diffikultajiet tas-sajjieda Maltin
b) Il-*fishfarms*
ċ) L-awrata

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**9. a) Imla l-vojt b'kelma li tagħmel sens.** **(9 marki)**

L-________________ naturali huma mħaffrin fil-________________.

Fil-qedem, il-bniedem kien jgħix fihom u jżomm ukoll xi ________________

miegħu. Fi stampa **(A)**

jidher Għar Dalam li jinsab qrib

ir-raħal ta' ________________.

Hawn instabu ħafna ________________



stampa **A**

li huma fdalijiet ta' ______________ ta' annimali

u fdalijiet li ħallew nies Neolitiċi li ġew

Malta minn ________________.

L-għerien li jidhru fi stampa **(B)**

jinsabu fil-Fawwara qrib ir-raħal



tas-_________________. Sa ftit żmien ilu,

stampa **B**

xi ________________ kienu għadhom joqogħdu f'dawn l-għerien.

**b) Semmi vantaġġ u żvantaġġ li jkollu min jgħix ġol-għerien.** **(2 marki)**

Vantaġġ: ________________________________________________

Żvantaġġ: _______________________________________________

10. Qabbel dawn f'sentenzi billi tikteb in-numri fil-kaxxa. **(5 marki)**

**Ara l-eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***1.*** | ***Id-djar ta' barra minn Malta*** | | insibu statwi tal-qaddisin bħala tiżjin. |
| 2. | Il-ġebel li jintuża fil bini ta' djarna huwa | | kienu mibnijin b'xorok fuq travi tal-injam. |
| 3. | F'xi rħula, fil-kantuniera ta' xi toroq, | | ġebel imsejjaħ *tal-franka* u l-*bricks*. |
| 4. | Dar kbira b'ħafna kmamar u ġardin imdawwar magħha | | il-bdiewa kienu jżommu l-għodod tal-għalqa. |
| 5. | Is-soqfa ta' ħafna djar antiki | ***1*** | ***mhumiex mibnija l-istess bħal djar Maltin.*** |
| 6. | Fil-giren fil-kampanja | | tissejjaħ villa. |

**11. Ikteb sentenza waħda fuq kull wieħed minn dawn. (10 marki)**

a) Skorba ______________________________________________

______________________________________________

b) Qasam tad-djar ______________________________________________

______________________________________________

ċ) Skyscraper ______________________________________________

______________________________________________

d) Il-konkrit ______________________________________________

______________________________________________

e) Il-gallariji Maltin ______________________________________________

______________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**